MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Numru 310/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

Abushiyba Abdul Nassir Mohammed Radwan

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Abdul Nassir Mohammed Radwan ta' karta ta' identita' 15212A, akkuzat:

Talli nhar is-17 ta' Mejju 2001 ghall-habta ta' 4:00 p.m. gewwa Triq l-Assedu il-Kbir, il-Furjana, il-Furjana saq vettura IAS012 tal-ghamla Hyundai Pony irregistrata fuq ismu li kienet taht il-kontroll tieghu meta kien taht l-influwenza eccessiva tax-xorb alkoholiku u dan ai terminu tal-15(a) u l-att numru 6 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat skond il-Ligi.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin saq vettura IAS012 bi speed eccessiv u dan bi ksur tal-Artikolu 127 tal-MVR.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin saq vettura IAS012 b'manjiera traskurata u perikoluza u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) (2) tal-MVR Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin saq vettura IAS012 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahrug mid-Direttur tal-Licenzji u dan bi ksur tal-Artikolu Sec 15(1)(a), (2) (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin saq vettura IAS012 minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin saq vettura IAS012 minghajr ma kien kopert b'licenzja kurrenti sabiex tinsaq fit-toroq mahruga mid-Direttur tal-Licenzji u dan bi ksur Sec 15(1)(a),(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli nhar is-17 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tas-6:30 p.m. gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta u cioe' gewwa Triq Nofs Inhar attakka jew ghamel reziztenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekussjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' kontra PC942 S. Chircop u dan ai terminu tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli nhar is-17 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tas-6:30 p.m. gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta u cioe' gewwa Triq Nofsinhar ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe'fuq il-persuna ta' PC942 S.Chircop dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-Ghaxar Liri Maltin (Lm10) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 325(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gewwa l-Ghassa tal-Pulizijia tal-Belt Valletta ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtoritajiet jew ta' persuni li jkunu inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor indahal fl dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil minn hu nkarigat jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta hebb ghall-persuna ta' Michelle Abushiyba mill-Marsa u dan ai terminu tal-Artikolu 339 (d)(e).

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jistghu jigu divizi f'zewg tipi ta' offizi:

1) dawk li jirreferu ghas-sewqan dwar liema l-imputat hu allegat li vvjola l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3), u 15A tal-Kap 65,

l-Artikolu 3 tal-Kap 104 u l-Artikolu 127 tal-Avviz Legali 128/1994.

2) dawk li jirreferu ghal ksur tal-Kap 9 senjatament l-Artikolu 95, 96, 325(d) u 338(dd)(ee) u 339(d)(e).

Issa l-provi prodotti jeskludu kemm li l-imputat kien qieghed isuq bi speed eccesiv u b'manjiera perikoluza u traskurata u kemm li ma kellux assikurazzjoni kontra riskji ghal terzi. L-istess provi wkoll ma jippruvawx b'mod sodisfacjenti l-akkuza taht l-Artikolu 15A tal-Kap 65 fl-liema rigward, ma giex pruvat, fost ohrajn, minn kien l-ufficjal li ghamel it-test relattiv, li wkoll ma jirrisultax li gie prodott bhala xhud. L-unika akkuza li tirrisulta pruvata, hi dik rigward li l-licenzja tal-vettura ma kinitx rinnovata.

Illi bhala fatt jirrizulta li l-akkuzi kontra l-imputat kellhom il-bidu taghhom minn incident ta' traffiku li kien per se inkonsegwenzali izda li pero' thalla jikber sproporzjonatament.  L-imputat fil-fatt kien ittiehed l-ghassa mhux minhabba l-incident izda billi deher xi ftit xurban. Minn hawn johorgu t-tieni tip ta' akkuzi li fil-fehma tal-Qorti, hawn ukoll, gew esagerati. Li jirrizulta fic-cert hi l-hsara, wkoll kwazi inkonsegwenzjali, li sofra pulizija fl-uniformi tieghu, u talvolta t-theddida tal-imputat fil-konfront tieghu li tirrizulta kienet ta' dak il-hin.

Tiddecidi ghalhekk, fil-waqt li ssib l-imputat hati biss tar-raba, t-tmien u d-disa akkuza, fuq l-iskorta tal-Artikoli fuq citati,  tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------